# MASTRU SALVATORE DIMECH



*Sta. Marija qadima*

Salvatore Dimech magħruf bħala "Is-Sartx" kien skultur Mosti li għex bejn l-1805 u l-1887 li bix-xogħlijiet sbieħ tiegħu għamel ġieħ lilu nnifsu u lil Mosta, post twelidu. Ta' madwar 26 sena żżewweġ u mar joqgħod Ħal Lija fejn kien jaħdem u fejn baqa' joqgħod sakemm miet.

Kien skultur imsemmi tal-ġebla u fost l-istatwi tiegħu tal-ġebel li jinsabu mxerrdin ma' gżiritna nsemmu biss l-is tatwa ta' San Girgor Papa maġenb il-Knisja Parrokjali l-qadima taż-Żejtun, l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mal-kantuniera tal-Bażilka lilha iddedikata ġewwa l-Belt Valletta, San Pawl tal-Gżejjer u San Ġużepp fi Triq il-Kbira ġewwa l-Mosta tagħna stess. Ħadem ukoll xogħlijiet ta' skultura mill-isbaħ għat-Teatru Rjal u meta f'San Gwann il-Belt kien hemm bżonn li f'waħda mill-kappelli ssir xi skultura, ma nstabx aħjar minn dan l-iskultur Mosti. Tiegħu ukoll kienu l-istatwi tal-Gran Mastri L'Isle Adam u La Valette fil - bieb ewlieni li kellha l-Belt Valletta qabel sar dak li hemm illum.

Dimech wera li kien kapaċi wkoll jaħdem b'suċċess fil-kartapesta. L-uniku eżemplar tiegħu li nafu bih ta' din ix-xorta hija l-Vara l-Kbira f' Ta' Ġieżu l-Belt Valletta.

L-Istatwi titolari ta' Marija Annunzjata f' Ħal Balzan u dik ta' Marija Assunta li kien ħadem għall-Parroċċa tal-Mosta fl-1868 u mibdula f' dik li għandna illum fl-1948, juru l-ħila kbira li kellu bħala skultur fl-injam. Bħala xogħol tiegħu fl-injam hija magħduda l-istatwa tad-Duluri li hemm fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu .

Fir-Rotunda tal-Mosta, li Salvatore Dimech kellu x-xorti jara l-bini tagħħna jibda u jintemm, ma baqa' xejn li jfakkarna fih ħlief il-pedestall forma ta' qabar li kien ħadem flimkien ma' l-istatwa oriġinali ta' l-Assunta li kellna.

**JOSEPH BORG**

## RIFERENZI:


a. **Storja ta' Malta** - P.P. Castagna 1869
b. **Musta - Its Memories and Charms** - Rev. E.Salamone 1910.
c. **Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku** - Rob. Mfsud Bonnici 1960.
d. **Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt** - Ġorġ Aquilina O.F.M.